MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 1607/2005

**Leopold Pillow fil-kwalita`**
**tieghu ta' eredi universali ta'**
**Saviour Lofaro**
**Vs**
**Justin Axisa**
**Anthony Betts**

It-Tribunal

Ra l-avviz prezentat fit-28 ta' Lulju 2005 li permezz tieghu l-attur talab li l-konvenuti jew min minnhom jigu kkundannati jhallsu dik is-somma li tigi likwidata in linea ta' danni sofferti fil-vettura b'numru ta' registrazzjoni TFD 998 f'incident li sehh nhar is-27 ta' Lulju 2003 meta intlaqtghet wara kollizzjoni bejn il-vetturi b'numru ta' registrazzjoni CAE 028 u BTS 471 misjuqa rispettivament mill-konvenuti Axisa u Betts, bl-imghax u bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali datata 13 ta' Lulju 2005.

Ra r-risposta tal-konvenut Justin Axisa li permezz taghha cahad kwalunkwe responsabbilta` ghall-incident mertu tal-kawza.

Ra r-risposta tal-konvenut Anthony Betts li permezz taghha hu wkoll cahad kwalunkwe responsabbilta` ghall-incident mertu tal-kawza.

Ra li din il-kawza kienet miexja ma’ dik fl-ismijiet Paul Axisa vs Anthony Betts (avviz numru 1556/05DC) u li l-provi prodotti f’dik il-kawza ghandhom japplikaw fil-kawza odjerna.

Ra x-xiehda ta’ PS John Micallef, Justin Axisa, Tylor Axisa, Paul Axisa, Anthony Betts u Audrey Cutajar.

Ra d-dokumenti esibieti.

Ra l-verbal tas-seduta mizmuma fit-23 ta’ Novembru 2005 fejn l-attur iddikjara li d-danni minnu reklamati huma tmien mija u seba’ u erbghin lira u erba’ u hamsin centezmu (Lm847.54).

Ra l-verbal tas-seduta tad-19 ta’ Jannar 2006 fejn il-partijiet iddikjaraw li huma mhux qed jikkontestaw il-quantum ta’ danni reklamati.

Ikkunsidra

Din hija kawza ghad-danni ossia hsarat ikkagunati fil-vettura b’numru ta’ registrazzjoni TFD 998 li kienet proprjeta` ta’ Saviour Lofaro, meta bhala konsegwenza ta’ kollizjoni bejn il-vetturi CAE 028 misjuqa minn Justin Axisa u l-vettura BTS 471 misjuqa minn Anthony Betts, il-vettura BTS 471 habtet ma’ dik propjeta ta’ Saviour Lofaro li kienet ipparkjata; ncident li sehh fis-27 ta’ Lulju 2003 fi Triq ix-Xatt Pieta`.

Ir-responsabbilta` ghal dan l-incident giet stabbilita fil-kawza fl-ismijiet Paul Axisa vs Anthony Betts (avviz nru 1556/05DC) liema kawza giet deciza llum stess u li ghaliha qed issir referenza. F’dik il-kawza t-Tribunal kif

presedut wasal ghall-konkluzjoni li l-incident sehh b'tort ta' Justin Axisa u konsegwentement it-Tribunal qed jiddikjara lill-istess Justin Axisa responsabbli ghall-hsarat ikkawzati fil-vettura TFD 998.

Din il-vettura u cioe dik bin-numru ta' registrazzjoni TFD 998 dak in-nhar ta' l-incident kienet propjeta` ta' Saviour Lofaro. Dan miet fit-13 ta' Marzu 2005 u skond testament datat 9 ta' Dicembru 1998 (atti Nutar Dr Bartolomeo Micallef) Saviour Lofaro nnomina bhala eredi universali tieghu lill-attur ghalhekk gie pruvat it-titolu ta' l-attur fuq il-vettura in kwistjoni u l-konsegwenti nteress giuridiku fil-proceduri odjerni.

L-attur ikkwantifika d-danni minnu reklamati fis-somma ta' tmien mija u seba' u erbghin lira u erba' u hamsin centezmu (Lm847.54) u dan a bazi ta' survey report minu esebiet. Dan l-ammont ma giex kontestat mill-konvenuti u jirrizulta gjustifikat.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi fil-waqt li jilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Anthony Betts u jilliberah mill-oservanza tal-giudizzju, u fil-waqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Justin Axisa jilqa' t-talbiet attrici u jiddikjara lill-konvenut Justin Axisa responsabbli ghall-incident li sehh fis-27 ta' Lulju 2003 f'Triq ix-Xatt Pieta`, jillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' tmien mija u seba' u erbghin lira u erba' u hamsin centezmu (Lm847.54) u tikkundanna lill-istess Justin_Axisa jhallas dan l-ammont ta' tmien mija u seba' u erbghin lira u erba' u hamsin centezmu (Lm847.54) bl-imghax mid-data ta' din is-sentenza. Spejjes ta' dawn il-proceduri jkunu a karigu tal-konvenut Justin Axisa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------